Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,627, 12 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 153 ta' l-1998

ATT TA' L-EDUKAZZJONI
(KAP 327)

Ordinamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fl-Istitut tal-Gżejjer u Stati Żgħar, 1998

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kancillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-Ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut tal-Gżejjer u Stati Żgħar bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37 (2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-Ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fl-Istitut tal-Gżejjer u Stati Żgħar, 1998.

(2) F'dawn l-Ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'ohra:

"Il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut tal- Gżejjer u Stati Żgħar

"Il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-Ordinamenti għandhom japplikaw minn Lulju 1995 'il quddiem.

Reġistrazzjoni

3. (1) Applikazzjonijiet għandhom ikunu miftuħin għal kandidati li kisbu grad bl-unuri, f'livell tat-tieni klassi taqsima superjuri jew ogħla, minn din jew minn Universita' oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat, f'suġġett li fl-opinjoni tal-Bord huwa relatat mill-qrib mat-tema tal-proposta ta' riċerka tal-kandidat.

(2) Il-Bord jista', f'ċirkostanzi speċjali, jħalli kandidat, li ma jissodisfax ir-rekwiżi speċifikati fl-Ordinament 3(1), li jirreġistra. L-applikazzjoni tal-kandidat għandha, f'dan il-każ, tinkludi evidenza li l-kandidat huwa kompetenti li jagħmel ir-riċerka neċessarja biex itemm il-Grad.

(3) Il-Bord jista' jistabilixxi rekwiżi addizzjonali, li jinkludu li l-kandidat joqgħod għal wieħed jew iktar eżamijiet ta' kwalifika.

(4) L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tinkludi t-titlu tad-dissertazzjoni proposta u deskrizzjoni qasira tal-kontenuti proposti, flimkien ma' rakkomandazzjoni minn membru ta' l-istaff akkademiku li jaċċetta li jaġixxi ta' superviżur.

Dissertazzjoni

4. (1) Id-dissertazzjoni ta' l-M.Phil għandha tinkorpora r-riżultati tar-riċerka u l-osservazzjonijiet tal-kandidat innifsu.

(2) Id-dissertazzjoni m'għandhiex teċċedi 50, 000 kelma sakemm ma jkunx speċifikat xort'oħra mill-Bord. Id-dissertazzjoni għandha tinkorpora astratt ta' mhux iktar minn 500 kelma. It-test għandu jkun ittajpjat jew stampat fuq karti A4, naħa waħda biss, bi spazju doppju, u l-preżentazzjoni għandha ssegwi gwida ta' stil aċċettabbli għas-superviżur.

(3) L-istudent jeħtieġ jissottometti tlett kopji tad-dissertazzjoni għall-eżami mill-Bord ta' l-Eżaminaturi.

(4) L-istudent għandu jissottometti wara l-eżami orali, u wara li jinkorpora l-amendi kif il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jirrikjedi, żewġ kopji addizzjonali tad-dissertazzjoni b'qoxra iebsa. It-titolu tad-dissertazzjoni, isem il-kandidat, it-titolu tal-grad u d-data meta l-kandidat kien ammess għall-Grad, għandhom ikunu stampati fuq il-qoxra ta' quddiem. Waħda mill-kopji addizzjonali għandha tkun depożitata fil-Librerija ta' l-Universita' u l-oħra fil-Librerija ta' l-Istitut.